MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH GALEA DEBONO

Seduta tad-9 ta' April, 2003

Appell Kriminali Numru. 209/2002

Il-Pulizija
(Spettur N. Ciappara)
Vs
Joseph John Agius

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

f'dawn il-Gzejjer bejn Jannar 1998 u Gunju 1998 kellu fil-pussess tieghu d-droga Eroina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija w meta ma

kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga fil-pussess tieghu w naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija w dan bi ksur tar-regolament 8 tar-Regoli tal-1939 Dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati w bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u dan fic-cirkostanzi tali li juru li din id-droga ma kienetx ghall-uzu esklussiv tieghu;

fl-istess zmien u cirkostanzi forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel Skeda tal-Ordinanza Dwar il-medicini Perikoluzi Kap 101, tal-Ligijiet ta' Malta, lill-persuna/i jew ghall-uzu ta' persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta, minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga, u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-Regoli tal-1939, ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli ghamel reat ta' traffikar f'post ta' distanza ta' mitt metru minn skola, club jew centru taz-zaghzagh jew f'xi post li fih normalment jiltaqghu z-zaghzagh.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-26 ta' Settembru, 2002, li biha, wara li rat l-artikolu 22 (2)(b)(I) tal-Kap 101 u r-regolament 8 tal-GN 292/39, u wara li hadet in konsiderazzjoni l-principji li jirregolaw l-assorbiment tar-reat, sabet lill-imputat hati skond l-akkuzi hlief ghal dik bazata fuq l-aggravju (sic!) tad-distanza, w ikkundannatu

ghal piena ta' prigunerija ghal zmien ghoxrin xahar u multa ta' erba mitt lira Maltin (LM400) u ma sabitux hati tal-kumplament tal-akkuza w illiberatu minnha.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-30 ta' Settembru, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tikkancella s-sentenza fejn sabitu hati ta' l-akkuzi dedotti kontra tieghu w tilliberah minn kull imputazzjoni w htija jew f'kaz li din il-Qorti xorta ssib htija fil-konfront tieghu, timmodifika l-istess sentenza billi tirriduci l-piena.

Rat il-verbal registrat fis-seduta tat-30 ta' Jannar, 2003, li bih il-Prosekuzzjoni ecceppiet in-nullita' tar-rikors tal-appell ai termini tal-artikolu 419 ( c) tal-Kodici Kriminali stante li t-talba hija wahda kjarament ghat-thassir mentri jirrizulta illi l-appellant kien gie liberat mill-addebitu tal-aggravanti tad-distanza , fejn allura t-talba kellha tkun ghat-tibdil tas-sentenza .

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli prosekutur u tal-abbli difensur dwar din l-eccezzjoni .

Rat in-Nota tal-appellant tal-11 ta' Frar , 2003 , dwar il-kwistjoni tan-nullita' tar-rikors,

Rat l-ordni taghha biex il-kawza tigi rikjamata ghas-seduta tal-lum ghall-provvediment jew sentenza;

Ikkonsidrat ;

Illi l-eccezzjoni tal-Avukat Generali hija fis-sens li kellha tintalab ir-RIFORMA tas-sentenza appellata w mhux ir-REVOKA jew THASSIR taghha a tenur tal-artikolu 419 ( c ) tal-Kap.9 u dana ghaliex l-appellant ghalkemm kien instab hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu , ma kienx instab hati tal-addebitu jew l-aggravanti tad-distanza kontenut fit-tieni proviso tal-artikolu 22 (2) .

Issa kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta (Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Joseph Galea"

[30.6.1995] per V. De Gaetano J.) , il-Kodici Kriminali ma fih ebda dispozizzjonijiet ta' natura generali li jirregolaw certi eccezzjonijiert bhal ma hemm fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili ; dak li l-Kodici Kriminali jaghmel hu li jirregola certi eccezzjonijiet b'mod specifiku. Skond gurisprudenza kostanti , n-nuqqas ta' xi wiehed mir-rekwiziti msemmija fl-artikolu 419 (1) tal-Kodici Kriminali hi sollevabbli anki "ex officio" mill-Qorti essendo dik id-dispozizzjoni w dawk ir-rekwiziti ta' ordni pubbliku ; isegwi li tali eccezzjoni tista' titqajjem anki mill-partijiet f'kull stadju tal-proceduri .

- Minn ezami tal-gurisprudenza rigward in-nullita' tar-rikors ta' appell , il-Qorti ta' l-Appell Kriminali waslet ghas-segwenti konkluzzjonijiet :

- (a) Bhala regola generali , l-artikolu 419 (1) , cioe' li r-rikors ghandu jkun fih it-talba ghat-thassir jew ghat-tibdil tas-sentenza , giet "very strictly and rigidly interpreted" .

- (b) Ghalkemm il-ligi titkellem dwar talba ghat-thassir JEW ghat-tibdil , fil-prassi tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali dejjem gie accettat , fil-kazijiet li hekk jippermettu , li jkun hemm kemm talba ghat-thassir kif ukoll talba ghat-tibdil, purche' li din it-talba tkun subordinata ghall-ewwel wahda In fatti anki jekk jintalab biss it-tahsir , il-Qorti tista' flok thassar ghal kollox is-sentenza u konsegwentement tillibera lill-appellant jew issib hati lill-appellat – skond min ikun appella – tilqa' l-appell in parti u tbiddel is-sentenza , per ezempju limitatament ghall-piena inflitta fuq l-appellant. Mill-banda l-ohra , jekk is-sentenza appellata tkun in parti sabet hati lill-appellant u in parti lliberatu minn xi akkuzi jew imputazzjonijiet , gie dejjem ritenut li jekk flok talba ghat-tibdil issir talba ghat-thassir , ir-rikors ikun null.

- ( c ) ir-"raison d'etre" ta' l-artikolu 419 (1) (a) (b) ( c ) huwa s-simplifikazzjoni u l-kjarezza u l-legislatur ried li r-rikors ta' appell ghandu jkun redatt b'tali mod li mill-ewwel ipoggi kemm lill-Qorti kif ukoll lill-intimat fil-pozizzjoni li jkunu jafu ezatt x'inhuma l-fatti kollha essenzjali , minn x'hiex qed jilmenta l-appellant u x'inhu jitlob . Il-vot tal-ligi ma jkunx sodisfatt jekk dawn ikunu sparpaljati 'l hawn u 'l hinn b'mod li wiehed irid joqghod jistad ghalihom biex forsi jindividwahom .

- Umbaghad fis-sentenza "Henriette Mifsud Bonnici vs. Maurice Mifsud Bonnici" [20.07.1951] (Kolloz. XXXV.

Iv.747) din il-Qorti kienet irriteniet li mhux necessarju li jigu uzati ezattament il-kliem "tahsir" jew "tibdil" fit-talba tar-rikors u hu sufficjenti jekk jigu uzati kliem bhal "tirrevoka" jew "tannulla" li jfissru l-istess bhal "thassar" jew "tahsir" . In fatti fil-prassi ta' din il-Qorti il-kliem "thassar" , "tirrevoka" u "tannulla" huma uzati b'mod indiskriminat proprju ghax ifissru bazikament l-istess haga . Hekk ukoll il-kliem "tvarja" "tbiddel" u "tirriforma"

Illi f'dik is-sentenza dik il-Qorti ghaddiet in rassenja il-gurisprudenza principali li minnha kienu jemergu dawn il-punti saljenti w cioe' "La Polizia vs. Ernesto Laiviera", 18.10.1930 ; Vol. XXVII , iv. P.829; La Polizia vs. Carmelo Carabott et" 8.11.1933, Vol. XXVIII, iv. P.205; Pulizija vs. Francis Saviour Zammit Cutajar , App.Krim. 23.1.1971; Pulizija vs. Carmelo Farrugia et. App. Krim. 11.11.1976 ; Pulizija vs. Carmelo sive Lino Scicluna , App. Krim. 1.9.1977; Pulizija vs. Victor Anthony Camilleri et , 26.4.1985; Pulizija vs. Anthony Zammit 1.10.1960 Vol. XLIV , iv. P.940 ; Pulizija vs. Richard Vincenti Kind , App. Krim. 16.9.1972 ; Pulizija vs. Carmelo Agius App. Krim. 14.10.1972; Pulizija vs. Emmanuel Bonnici , App. Krim. 5.10.1990; Pulizija vs. Joseph Desira 18.3.1972 ; Pulizija vs. Crusifix Buttigieg , 18.3.1972; u Pulizija vs. John Vella Chritien App. Krim.6. 5. 1972.

Illi huwa pacifiku fil-gurisprudenza nostrana li fejn l-appellant ikun gie misjub hati ta' xi akkuzi u misjub mhux hati ta' ohrajn , ghandha tintalab ir-RIFORMA tas-sentenza u MHUX IR-REVOKA jew THASSIR taghha. Altriment ikun hemm in-nullita' tar-rikors ta' l-appell fuq il-bazi ta' karenza tar-rekwizit imsemmi fil-paragrafu ( c ) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 419 tal-Kap.9. (App. Krim. Pul. vs.Joe Borg" [21.7.1995] U ohrajn.)

Illi gie ukoll ritenut li l-ahjar formola ritwali li ghandha tigi segwita f'kaz ta' talba ghal riforma, tibdil jew varjar tas-sentenza hija dik li fl-ewwel lok tintalab ir-riforma , tibdil jew varjazzjoni, umbaghad tintalab il-konferma tal-parti tas-sentenza li ma jkunx qed isir appell minnha w fit-tielet lok tintalab ir-revoka, thassir, tahsir , jew annullar tal-parti

tas-sentenza li jkun qed issir appell minnha w fl-ahhar issir it-talba ghat-tibdil mehtieg bhal per ezempju li ma tinstabx htija ta' akkuza wahda jew aktar jew riduzzjoni fil-piena.

Issa f'dan il-kaz din il-Qorti l-ewwel giet mitluba mill-appellant li "thassar , tirrevoka u tikkancella s-sentenza……fejn sabitu hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni w htija " umbaghad l-appellant zied jitlob "jew f'kaz li din il-Qorti xorta ssib htija fil-konfront tieghu , timmodifika l-istess sentenza billi tirriduci l-piena".

Illi jibda' biex jinghid li l-fatt li l-appellant talab ukoll li din il-Qorti "timmodifika" is-sentenza fir-rigward tal-piena , talba ekwipollenti ghal wahda ta' riforma , ma tipprezentax diffikulta' ghax din it-talba hija manifestament maghmula "in subordine" u biss "f'kaz li din il-Qorti ssib htija fil-konfront tieghu" u ghalhekk skond il-gurisprudenza fuq citata setghet issir talba simili "in subsidium" ghall-ewwel wahda tat-thassir, revoka w kancellament tas-sentenza. Din l-ahhar talba fiha ukoll it-talba ghar-riduzzjoni tal-piena ghalkemm strettament ma fihix ukoll it-talba ghar-revoka tal-piena inflitta , haga li kien ikun ahjar kieku saret ukoll.

Id-diffikolta' li trid tigi rizolta f'dan l-appell hija duplici u cioe' jekk l-addebitu li bih gie akkuzat l-appellant u mhux misjub hati tieghu w cioe' dak li kkommetta r-reati li taghhom instab hati gewwa d-distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta' skola, club , jew centru taz-zaghzagh ,ecc. hux reat minnu nnifsu jew semplici aggravanti tar-reati kontemplati f'' partijiet ohra tal-artikolu 22 u , f'kaz li hu semplici aggravanti ta' dawn ir-reati , biex tigi salvagwardata w konfermata l-liberazzjoni minn tali addebitu, kienx mehtieg li tintalab ir-riforma w mhux it-thassir .

Illi ir-risposta ghall-ewwel domanda tidher li hija mhux difficli . Id-dicitura tat-tieni proviso tal-artikolu 22 (2) jaghmilha cara li din ic-cirkostanza tad-distanza ma tikkostitwix reat per se imma semplici aggravanti ta' xi wiehed mir-reati prospettati band' ohra fl-istess ligi. Di fatti jintqal li "meta persuna tinstab hatja ta' …….u r-reat ikun

sar fi , jew gewwa distanza ta’ mitt metru” , …ecc., “il-piena tizdied bi grad.” Dan il-kliem ma jhalli ebda dubju li dan l-proviso mhux qed johloq reat indipendenti imma biss aggravanti li jgib mieghu zieda bi grad tal-piena li hija stabilita ghar-reat li jkun .

Stabilit dan , wiehed irid ghalhekk jezamina l-pozizzjoni odjerna fejn fis-sentenza appellata sabet “lill-imputat hati skond l-akkuzi – hlief ghal dik (Sic!) bazata fuq l-aggravju (Sic!) tad-distanza “ u ma sabitux “hati tal-kumplament tal-akkuza u tilliberah minnha.”

Issa huwa minnu li d-dicitura wzata fis-sentenza appellata mhix ghal kollox cara w donnu hemm ftit tal-konfuzjoni ghax filli l-Qorti rriferiet ghall-addebitu tad-distanza bhala akkuza bil-kliem “hlief ghal dik” u minnufieh wara tirriferi ghalih bhala “aggravju” (recte “aggravanti” wiehed ghandu jifhem ) . Umbaghad terga tghid , wara l-kundanna , li mhux qed issib lill-appellant hati tal-kumplament tal-akkuza w tilliberah minnha, ovvjament – dejjem wiehed jifhem – b’riferenza ghall-imsemmija aggravanti tad-distanza.

Donnu l-Ewwel Qorti ma kienetx qed tippreciza ezatt kienetx qed tqis dan l-addebitu bhala akkuza separata jew bhala “aggravju” (recte “aggravanti”) tar-reat iehor . Illi fil-fatt din ic-cirkostanza tad-distanza tidher li giet mzjuda mall-akkuzi originali kontenuti fir-rapport tal-ispettur prosekutur, b’digriet tal-Ewwel Qorti tat-2 ta’ Novembru , 1999, (fol. 34 tal-process) , fejn dik il-Qorti, fuq talba tal-prosekuzzjoni, kienet ordnat li wara t-tieni akkuza jizdied is-segwenti :-

“Talli ghamel reat ta’ traffikar f’ post ta’ distanza ta’ mitt metru minn skola, club jew centru taz-zaghzagh jew f’xi post li fih normalment jiltaqghu iz-zaghzagh.”

Ghalkemm bil-mod kif saret din iz-zieda a fol. 1 tal-process wiehed jista’ jinghata x’jifhem li giet mizjuda bhala akkuza separata u mhux bhala aggravanti ta’ xi wahda miz-zewg akkuzi originali jew tat-tnejn , din il-Qorti, kif inghid ,thoss li dan l-addebitu jista’ jitqies biss bhala

aggravanti ta' akkuza jew akkuzi ohra u mhux bhala reat separat.

L-abbli difensur fit-trattazzjoni w fin-nota t ' osservazzjonijiet tieghu dwar l-eccezzjoni preliminari in ezami, jissottometti li l-kwalifika tad-distanza hija biss sekondarja ghall-akkuza principali w tista' tirrizulta biss jekk l-ewwel ikun hemm sejbien ta' htija tal-akkuza principali . Ghalhekk jargumenta li hu inkoncepibbli li persuna fil-waqt li tigi liberata minn akkuza ta' traffikar ta' droga , tinsab hatja talli ghamlet hekk f' distanza ta' mitt metru minn klabb , skola etc.

Illi pero' bir-rispett dan mhux il-kaz, ghax hawn si tratta ta' sejbien ta' htija mill-Ewwel Qorti ta' zewg reati bl-assorbiment ta' wiehed fl-iehor, pero' minghajr l-aggravanti tad-distanza. Issa, jekk ghal grazzja tal-argument, din il-Qorti thassar is-sentenza fejn sabet htija nghidu ahna fuq akkuza minnhom u tikkonfermha fuq l-ohra, bla ebda rizerva ghall-parti taghha fejn illiberat mill-aggravanti tad-distanza, l-liberazzjoni mill-aggravanti li akkordat l-Ewwel Qorti ittir mar-rih ukoll fir-rigward tal-akkuza li taghha tista' ipotetikament tinstab htija minn din il-Qorti . Dan ghaliex ladarba din il-Qorti hija mitluba biss li thassar, ikollha thassar kollox u ma tistax toqghod tara x'irid jigi salvat jew ma jigix salvat mis-sentenza appellata.

Illi din hija proprju s-sitwazzjoni konfuzjonarja w problematika li skond il-gurisprudenza fuq citata trid tigi evitata bl-uzu ta' dicitura preciza w cara fit-talba kontenuta fir-rikors tal-appell kif fuq delineat .

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-Avukat Generali w tiiddikjara l-appell irritu w null ghax ma giex rispettat il-vot tal-ligi fl-artikolu 419 (1) (c ) tal-Kodici Kriminali, kif interpretat fil-gurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati w kwindi tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-appell.

---------------------------------TMIEM---------------------------------